A.L. 242 ta' l-2003

ATT TA' L-2003 BIEX JEMENDA DIVERSI LIĠIJIET (ATT NRU. IX TA' L-2003)

Avviż ta' Bidu fis-Seħħ dwar emendi fl-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, Kap. 315

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 1 (2) u 50 (2) ta' l-Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet, il-Ministru tas-Saħħa stabbilixxa t-12 ta' Settembru, 2003 bħala d-data meta d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 50 sa 63 in fit-Taqsima XII ta' l-imsemmi Att dwar emendi fl-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, Kap. 315, għandhom jibdew iseħħu.